

Brussell, 20 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

10382/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0112(NLE)

SCH-EVAL 106
VISA 137
COMIX 320

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 10381/19	
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2018 tal- Iżvizzera dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal- politika komuni dwar il-viżi

1. Wara l-adozzjoni mill-Kunsill tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen, grupp ta' esperti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni wettaq evalwazzjoni tal-Iżvizzera dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-politika komuni dwar il-viżi fl-2018.

2. F'konformità ma' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni mfassla biex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati matul dik l-evalwazzjoni u biex tiżgura li l-Iżvizzera tapplika b'mod korrett u effettiv ir-regoli kollha ta' Schengen relatati mal-politika komuni dwar il-viżi.

3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen (Evalwazzjoni), inkluż is-sħab tal-Kumitat Imħallat in-Norveġja, l-Iżlanda, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein, approva l-proposta għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni fit-12 ta' Ġunju 2019.

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, kif jinsab fid-dokument 10381/19, bħala punt 'A' f'waħda mil-laqgħat li jmiss.
